MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 356/2002/1

**A f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' binha minuri B u b'digriet tas-16 ta' Awissu 2002 giet appuntata kuratrici *ad litem* tal-istess minuri**

**vs**

**C**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Marzu 2002 a fol. 1 *et sequitur* tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti konjugi Caruana naghqdu fiz-zwieg nhar it-tmienja (8) ta' Marzu, tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997), fil-Knisja ta' San Martin gewwa l-Bahrija, permezz tas-servizzi tal-Ministru tal-Mulej, id-Duminkan illum mejjet, Patri Martin, skond l-anness Certifikat taz-

Zwieg elenkat ma’ l-Elenku tad-Dokumenti bhala Dok. “JCP1”;

Illi mir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom, il-kontendenti konjugi Caruana kellhom tarbija wahda li semmewha B , tifel li twieled nhar is-sbatax (17) ta’ Lulju, tas-sena elf disa’ mija disgha u disghin (1999), u li llum ghandu sentejn u tmien xhur, u dana skond kif jindika l-anness dokument elenkat ma’ l-Elenku tad-Dokumenti u debitament indikat bhala Dok. “JCP2”;

Illi l-attrici kienet *giet* imgghela li tidhol f’dana l-allegat zwieg minhabba pressjoni li kienu ghamlu fuqha l-genituri taghha, *ossia* Joseph Portelli u Pauline nee’ Cutajar u anke huha Thomas Portelli, peress illi oht missierha li jisimha Mary Grech nee’ Portelli hija mizzewga lil Grezzju Grech, li jahbat kugin ta’ missier C Caurana, *ossia* Grazio Caruana, li huwa parrinu ta’ C ;

Illi z-ziju ta’ l-attrici Grezzju Grech kien f’dawn ic-cirkustanzi laqqa’ lill-attrici mal-konvenut C , meta l-attrici kien ghad kellha biss sittax-il (16) sena u sahansittra kienet ghada l-iskola, u l-familjari ta’ l-attrici ippretendew illi l-attrici kellha tizzewweg lill-konvenut kif effettivament kontra qalb l-attrici sar;

Illi l-attrici damet tohrog mal-konvenut madwar sitt (6) snin qabel ma allegatament izzewgitu, u fil-fatt izzewgitu mhux ghaliex riedet tizzewgu, imma ghaliex il-pressjoni psikologika li sehhet fuq l-attrici, kienet tali li l-attrici hassitha kostretta lil kellha tidhol ghal dan iz-zwieg, meta kien ghad kellha biss wiehed u ghoxrin (21) sena, halli ma tiksiriex mal-genituri taghha, ma’ huha Thomas, familjari, ohra, qraba u hbieb;

Illi *purche’* sehh iz-zwieg, il-hajja konjugali ma’ kienet wahda felici xejn u l-konvenut kien hati versu l-attrici ta’ vjolazzjonijiet serji fid-dawl ta’ **artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi l-kontendenti konjugi Caruana kienu jirressedu fid-dar konjugali fl-indirizz, “Yale”, Apartament Numru sitta (6),

Triq C Muscat, fir-Rabat (Malta) li huma kienu jikru minghand certu persuni Charles u Marion, kunjomhom prezenzjalment intesa;

Illi fl-erbatax (14) ta' Lulju, tas-sena elfejn (2000), l-attrici ma felhitx tissaporti aktar lill-konvenut u giet kostretta li titlaq mid-dar konjugali u tmur tghix f'residenza ohra. Premess illi l-attrici hadet maghha xi htigijiet bazici u li binha B li dak iz-zmien kellu sena nieqes tlett ijiem. Premess illi wkoll l-attrici u binha marru jikkoabitaw ma' certu Mark Micallef li mieghu kienet tahdem l-attrici u li sabet fih il-veru tifsira ta' xi tfisser il-hajja mibnija fuq imhabba bejn koppja u mhux mibnija fuq pressjoni psikologika biex bilfors tghix ma' bniedem li ghalih ma jkun ifisser xejn;

Illi jigi ghalhekk li f'Lulju tas-sena elfejn u tnejn, (2002), l-attrici taghlaq sentejn (2) tikkoabita ma' Mark Micallef u b' iben l-attrici jghix maghhom, u li dak iz-zmien ikun ghalaq tlett (3) snin;

Illi B ihobb hafna lil Mark, imma Mark Micallef fl-ebda stadju jew moment ma jaghmel xi tentattiv biex jimponi lilu nnifsu fuq B bhala missieru; filwaqt li l-missier legali u naturali ta' B kull meta jkollu lil B mieghu joqghod jaghtih ezampju hazin u jghidlu hafna diskors kontra Mark Micallef, fosthom li l-konvenut jirreferi ghal Mark Micallef bhala 'wiza koko';

Illi ma huwa minnu xejn dak li regolarment qed jigi ndikat mill-konvenut C illi l-minuri B qieghed f'xi forma ta' perikolu fiziku, psikologiku jew morali, u dawna l-allegazzjonijiet infondati qed jinholqu biss mill-konvenut C minhabba l-konfuzjoni ta' l-istat ta' mohhu u biex jippika ma' omm il-minuri li issa qieghda tghix bhala familja maghquda fuq l-imhabba ma' Mark Micallef, persuna li lil B hlief imhabba u ghoza ma jurix fuqu. Illi in effetto l-minuri B ihossu ferhan immens u kalm meta jkun fil-kumpanija ta' ommu u Mark Micallef *(common law husband)* u t-tifel jiddisturba ruhu kull meta jigi lura minghand il-konvenut li minkejja l-asserzjoni tieghu, m' hux kapaci li jiehu hsieb il-minuri, tant hu hekk li kull meta

l-minuri jkun mal-konvenut, dana bil-kemm jitimghu, immur *in effetto* ghand omm l-attrici biex jitimghu, jew ghand ommu stess, u meta ma jsibx lill-wahda jew lill-ohra, jew ihallieh bil-guh, jew jiehdu ghand ta' McDonalds u jixtrilu xi *chicken nuggets*: fil-fatt fuq in-naha ta' wara tal-karozza li jsuq il-konvenut, Hyundai Accent ta' kulur iswed u numru ta' registrazzjoni JKE-799, insibuh mimli bit-toys li jkunu jakkompanjaw dawn ic-*chicken nuggets* ta' McDonalds!

Illi l-konvenut jigestixxi negozju tal-bejgh ta' haxix u frott li jinsab, f' "Superfruit", Shop Number 1, Civic Centre, Rabat (Malta), li prattikament imexxih wahdu, u wiehed jista' jimmagina kemm hin ghall-minuri jibqghalu l-konvenut minkejja li l-konvenut jiehu lil ibnu tlett darbiet fil-gimgha u fi tmien il-gimgha jiehdu mis-Sibt mill-10.00am, iraqdu l-lejl mieghu u jiehdu lura l-Hadd fis-2.00pm: jigifieri veru kaz li l-konvenut mhux nieqes jew imcahhad milli jara lil ibnu minuri;

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Lulju, tas-sena elfejn (2000), il-konvenut inizja l-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u minkejja hafna akkuzi, is-Sekond' Awla Civili, fl-ghoxrin (20) ta' Marzu, tas-sena elfejn u wiehed (2001), iddekretat permezz ta' Digriet Numru 381/01 fl-ismijiet **"C vs A "** illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun konguntiva, u l-istess konvenut, skond kif jindika l-anness Dok. "JCP3" li huwa kopja legali tad-Digriet Numru 381/01;

Illi ma jirrizultax illi l-konvenut b'xi mod ipprova jipproroga t-terminu legali li fih il-konvenut seta ipprorga d-Digriet fuq imsemmi;

Illi dana juri illi *nonostante* l-bosta pretenzjonijiet tal-konvenut, il-konvenut ghandu biss pika u mibeghda kontra t-terza persuna li mieghu qieghda tikkoabita l-atrici, u m' ghandux interess veru li jhares l-interessi supremi tal-minuri li effettivament qed tharishom biss l-attrici u t-terza persuna Mark Micallef;

Illi l-attrici nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Mejju, tas-sena elfejn u wiehed (2001), inizjat il-proceduri legali quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, u effettivament nhar it-tnax (12) ta’ Gunju, tas-sena elfejn u wiehed (2001), ottjeniet mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili d-Digriet Numru 814/01 li kopja legali u awtenitka tieghu qieghda tigi hawn esebita ma’ l-Elenku tad-dokumenti bhal Dok. “JCP4”;

Illi l-attrici ottjeniet id-debita proproga ghad-digriet fuq imsemmi u fid-dawl ta’ dina d-debita proroga, l-istess attrici qieghda tintavola din ic-citazzjoni odjerna, u dana skond ma jirrizulta mill-anness Dok. “JCP5” li huwa kopja tad-Digriet li a bazi tieghu gie pprorogat id-Digriet originali a favur l-attrici u li a bazi tieghu qed tigi pprezentata c-Citazzjoni odjerna;

Illi fic-cirkustanzi m’ hemm ebda tama ta’ rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti konjugi Caruana peress illi dana z-zwieg illum tkisser irremidjabilment;

Illi saru tentattivi biex il-kontendenti konjugi Caruana jippruvaw jaslu ghall-firda legali bonarjament, imma l-konvenut dejjem wera’ x’ kien l-objettiv tieghu, u cioe’ mhux li jinfired legalment, imma li jifxkel lill-attrici milli tkun tista’ issib il-veru hajja stabbli ghaliha mar-ragel li thobb, minghajr l-ebda mod ma tiddistabbilizza lill-psikologija tal-minuri binha, li fl-interess suprem tieghu huwa opportun illi l-kura u kustodja ta’ B   tigi fdata propju f’ idejn l-attrici billi kif jigi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawza, ikun fl-interess ta’ B li l-kura u kustodja tinghata lill-omm, ossia l-attrici;

Illi fic-cirkustanzi ma kien baqa’ ebda triq ohra ghajr li l-attrici propju tintavola din il-kawza odjerna;

Illi l-istess attrici talbet li din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Ghandha tigi moghtija b’sentenza l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi Caruna li a bazi taghha jispicca, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta’ bejniethom li jghixu flimkien: **artikolu 35(1)**;

2. Dina l-firda legali ghandha issehh minhabba eccessi, mohqrija, theddid, jew offizi gravi tal-konvenut kontra l-attrici, jew kontra l-minuri B , jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghada possibli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremidjabilment: **artikolu 40**;

3. Il-firda legali li qed issir accen ghaliha tirreferi ghaz-zwieg li kien sehh fil-Bahrija limiti tar-Rabat (Malta), fil-Knisja ta' San Martin, nhar is-Sibt, 8 ta' Marzu 1997, skond vera kopja ta' l-Att taz-Zwieg bejn il-kontendenti konjugi Caruana, li jgib in-Numru ta' l-Iskrizzjoni 190/12.03.1997, u dana skond l-anness Dok. "JCP1" elenkat fl-Elenku ta' Dokumenti;

4. Il-manteniment ghandu jkun regolat mill-Qorti skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u binha minuri B li twieled nhar is-sibt, 17 ta' Lulju 1999, kif ukoll skond il-mezzi tal-konvenut C , u meta jitqiesu wkoll fic-cirkustanzi l-ohra kollha tal-partijiet;

5. Illi l-gid tal-minuri B jesigi illi l-attrici ghandha tiehu hsieb binha minuri, u li jigi fdat f' idejha biss il-kura u kustodja ta' l-istess tifel minuri u b'effett mid-data tas-sentenza tigi formalment iddikjarata kuratrici *ad litem,* bil-fakultajiet, drittijiet u obbligi li jappartjenu legalment lill-kuraturi;

6. Ghandu jkun applikat **artikolu 48 sub-artikolu (1)** fil-konfront tal-konvenut, partikolarment **paragrafi (a), (b), (c) u (d) tas-sub-artikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 48 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

7. Ghandhom ikunu applikati fid-diskrezzjoni tal-Qorti, bl-effetti kollha taghhom, l-**artikoli 51, 52 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

8. Ghandu jkun applikat a favur l-attrici l-effetti ta' l-**artikolu 54 tal-Kodici Civili** inkluzi **sub-artikolu (1) sa (7)** ta' l-istess **Kap 16**;

9. Ghandu jkun applikat l-effetti ta’ **artikolu 55 tal-Kodici Civili** dana billi tigi xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezisteni bejn il-konjugi kontendenti Caruana;

10. Ghandu jkun applikat a favur l-attrici l-effetti ta’ l-**artikolu 56 tal-Kodici Civili,** fis-sens illi l-konsiderazzjoni ewlenija ghall-gid ta’ B li llum ghandu sentejn u tmien xhur jesigu li l-kura u kustodja tieghu tigi fdata esklussivament f’ idejn ommu l-attrici, kif ukoll il-kura ta’ l-istess B , kif effettivament ilha taghmel l-attrici sa minn mindu weldet lil B , ghas-semplici raguni li l-konvenut mhux kapaci li jiehu hsieb ibnu minuri, u jrid lil ibnu minuri biss biex jippika ma’ l-attrici;

11. Ghandu jkun applikat fl-interess suprem tal-minuri l-**artikolu 57 tal-Kodici Civili,** kif ukoll a favur l-attrici l-effetti tas-**sub-artikolu (1) ta’ artikolu 60 tal-Kap 16 tal-Ligijijiet ta’ Malta**;

12. Ghandu jkun applikat is-**sub-artikolu (3) ta’ l-artikolu 60 tal-Kodici Civili**, fis-sens illi l-konjugi Caruana mhux se jibqghalhom ebda jhedd li jirtu lil xulxin u fl-eventwalita’ ta’ xi tesment li seta’ sar, dan ghandu jigi dikjarat null, invalidu, ineffetiv u mhux enforzabbli, la’ fattwlament u lanqas legalment, fil-konfront ta’ kull nota mill-konjugi kontendenti f’ din ic-Citazzjoni odjerna;

13. Ghandu jkun applikat fl-interessi tal-minuri B l-effetti ta’ l-**artikolu 61 tal-Kodici Civili**, u dan a favur l-attrici u fil-paramentri tat-tifsira tal-kelma “manteniment” skond il-Ligi;

14. L-attrici trid li tirreverti ghal kunjom xbubitha Portelli, u skond **artikolu 62, sub-artikolu (1) tal-Kap 16**, l-attrici qed taghmel id-dikjarazzjoni formali taghha li hija ma tridx tibqa’ tkun maghrufha bhala Caruana A , imma b’effett mid-data definittiva tas-sentenza ta’ din il-kawza odjerna, l-attrici ghandha tkun maghrufha bhala Portelli A , bin-numru tal-Karta ta’ l-Identita’ 24676(M), u bid-data tat-twelid 7 ta’ Jannar, 1976;

15. Din is-sentenza ghandha tkun irregistrata fir-Registru Pubbliku ta' Malta a bazi ta' **artikolu 62 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

16. Ghandhom ikunu applikabbli sa fejn applikabbli dawk il-provedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhirliha li huwa xieraq u gust illi taghti u tordna a bazi tat-talbiet attrici kif hawn fuq suesposti;

17. L-attrici m' ghandhiex tbati ebda forma ta' spejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji li ghandhom jigu sopparti kollha mill-konvenut li kien il-htija ewlenija tat-tifrik irrimedjabbli ta' dan iz-zwieg;

Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji kontra l-konvenut C li minn issa jigi ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 9 *et seq.* tal-process;

Rat li fuq rikors tal-konvenut datat 18 ta' Lulju 2000 gie moghti Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 20 ta' Marzu 2001 mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri fejn u l-kura u l-kustodja tal-minuri inghatat kunguntivament lill-partijiet u pero' jidher li l-istess minuri kellu jirrisjedi ma' l-omm u l-konvenut inghata access ghall-istess minuri kull nhar ta' Tlieta bejn is-2.00.p.m. u l-4.00.p.m; kull nhar ta' Erbgha bejn is-1.30.p.m. u l-4.00.p.m. u kull nhar ta' Hamis bejn is-2.00.p.m. u l-5.00.p.m. u kull nhar ta' Sibt fl-10.00.a.m. sal-Hadd ta' wara fis-2.00.p.m. L-access ta' l-intimata jkun fil-granet u l-hinijiet l-ohra; dwar mantiment l-missier gie ordnat ihallas manteniment ta' sittin lira Maltija (Lm60) fix-xahar lill-omm ghall-minuri minbarra li l-istess missier gie ordnat ihallas l-ispejjez kollha ta' tobba ta' medicini u ta' hwejjeg u lbies li jkollu bzonn il-minuri u c-*children's allowance* ghandha tigi percepita mill-intimata l-attrici odjerna; peress li l-attrici telqet mid-dar konjugali ir-rikorrenti gie awtorizzat li jghix fl-istess fond li kien id-dar konjugali "Yale", Flat 6, Triq C Muscat, Rabat, Malta bl-esklussjoni ta' l-attrici; jidher li dan id-digriet inghata wara li l-Qorti kif hekk presjeduta semghet liz-zewg partijiet u kollox jinsab esebit bhala

Digriet Numru 381/2001 minn fol. 18 sa 20 tal-process bhala Dok. “JCP”.

Rat id-Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 12 ta’ Gunju 2001 moghti mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri fejn laqgha ir-rikors ta’l-attrici datat 28 ta’ Mejju 2001 sabiex tipprocedi b’din il-kawza – fol. 24 tal-process – Dok. “JCP4”, liema digriet gie prorogat b’dak tal-14 ta’ Frar 2002.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut datata **30 ta’ Lulju 2002** a fol. 34 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici *stante* illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici, u dan *in vista* tal-hajja adultera illi hi *ex admissis* qed tghix, u dan kif ser jirrizulta wkoll waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi b’referenza ghat-talba ta’ l-attrici ghal hlas ta’ menteniment mill-esponenti fil-konfront tal-minuri kif ukoll taghha, jecceppixxi illi l-minuri jinsab provizorjament fil-kura u kustodja ta’ l-istess esponenti u ghaldaqstant ma ghandux ikun hemm manteniment dovut, filwaqt illi t-talba ghal hlas tal-manteniment fil-konfront ta’ l-attrici ghandha tigi respinta *stante* illi l-istess attrici hija f’posizzjoni illi tahdem u ghalhekk hija finanzjarjament indipendenti;

3. Illi b’referenza ghat-talba ta’ l-attrici sabiex tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri, l-esponenti jecceppixxi illi din ghandha tigi respinta *stante* li hu gie fdat provizorjament bil-kura u kustodja tal-minuri mill-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, u dan kif jirrizulta mill-anness digriet;

4. Illi b’referenza ghas-sitta sal-hdax-il talba, dawn ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici *stante* illi kienet hi illi z-zwieg tal-partijiet tkisser minhabba htijiet imputabbli lil l-istess attrici, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri mill-permessi mil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol.35 u l-lista tax-xhieda a fol. 36 tal-process;

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** datata 30 ta' Lulju 2002 a fol. 37 tal-process fejn ippremetta illi:-

Illi l-partijiet kontendenti naghqdu fiz-zwieg fit-8 ta' Marzu 1997, minn liema zwieg twieldet tarbija, l-minuri B ;

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-attrici rikonvenuta u senjatement minhabba l-hajja adultera illi l-attrici rikonvenuta qieghda tghix, tant illi l-partijiet huma separati *de facto* peress illi l-istess attrici rikonvenuta allontanat ruhha mid-dar matimonjali u qed tikkoabita ma' terza persuna certu Mark Micallef, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irremedjabilment;

Illi l-konvenut rikonvenzjonali ottjena d-debita awtorizazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b'digriet numru 381/01 sabiex ikun jista' jipprocedi b'din l-istess istanza;

Illi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;

Illi l-konvenut rikonvenzjonali pprezenta kontestwalment rikors sabiex jigi mahtur bhala kuratur *ad litem* tal-minuri B ;

Illi l-istess konvenut rikonvenzjonali talab lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba htijiet imputabbli lill-attrici rikonvenuta, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tordna illi l-kura u kustodja tat-tifel minuri, u cioe' B , tigi fdata esklussivament f'idejn il-konvenut rikonvenzjonali, salv id-dritt ta' access li din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda lill-attrici rikonvenuta fil-konfront ta' l-istess minuri, taht dawk il-kundizzjonijiet li hi jidhrilha xieraq w opportuni;

3. Tikkundanna lill-attrici rikonvenuta thallas lill-konvenut rikonvenzjonali, u dan ghalih u ghal l-istess minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa w adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti;

4. Tapplika kontra l-attrici rikonvenuta, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48** *et sequitur* **tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-konvenut rikonvenzjonali u l-ohra lill-attrici rikonvenuta, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-attrici rikonvenuta tikkonsejna lill-konvenut rikonvenzjonali l-beni parafernali kollha tieghu u tordna illi l-konvenut rikonvenzjonali jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;

8. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonali illi jirregistra *ossia* jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici rikonvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenjenti u l-lista tax-xhieda a fol.39 u fol. 40 tal-process;

Rat ir-rikors (2) tal-konvenut, datat 30 ta’ Lulju 2002, a fol. 45, fejn talab umilment lil din il-Qorti joghgobha tordna illi l-konvenut jinhatar bhala kuratur *ad litem* tal-minuri B .

Rat id-digriet datat 1 ta’ Awissu 2002.

Rat id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili presjeduta minn l-Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano datat **29 ta’ April 2002** (fuq rikors tal-konvenut quddiem l-istess Qorti datat 17 ta’ Lulju 2001 u tat-28 ta’ Novembru 2001) fejn l-Qorti permezz ta’ Digriet Numru 717/2002 u wara li rat l-atti kollha ta’ l-istess rikors inkluz ir-rapport tas-social worker Gino Zammit mid-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja, ordnat li l-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri, bin il-kontendenti giet moghtija lill-missier u li f’kaz ta’ opposizzjoni mill-omm, l-missier kien inghata l-awtorizzazzjoni sabiex jitlob l-ghajnuna tal-marixxali tal-Qorti u tal-Pulizija Esekuttiva u bl-access indikat ghall-omm kull nhar ta’ Tlieta u Hamis bejn is-2.00.p.m. u l-4.00.p.m. u kull nhar ta’ Sibt bejn id-9.00.a.m. u s-2.00.p.m. u dan sakemm ma’ jkunx hemm ftehim iehor bejn il-partijiet li fi kwalunkwe kaz ghandu jigi sottomess ghall-approvazzjoni ta’ din il-Qorti. Komunika immedjata ta’ dan id-digriet giet ordnata li ssir lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja, u dan kollox skond l-istess digriet a fol. 47 sa 51 ral-process; digriet li jidher li inghata wara l-prezentata tac-citazzjoni attrici quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Marzu 2002.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-attrici a fol.53 tal-process fejn eccepiet illi:-

1. Illi ma huwa minnu xejn li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti konjugi A u C tkissret ghar-ragunijiet ndikati fit-tieni premessa tal-konvenut C Carauna, imma r-ragunijiet vera tat-tkissir ta’ dan iz-zwieg huma kollha mputabbli lill-istess C kif jirrizulta ampjament fil-mori ta’ din il-kawza;

2. Illi kwalsiasi possibilita’ li jintlahaq ftehim bonarju bejn il-kontendenti konjugi Caruana ma sehhx mhux tort ta’ l-attrici A , imma tort tal-ghebbusija tar-ras ta’ C illi m’accettax is-sitwazzjoni kif inhi, imma baqa’ jwebbes rasu u jimpika ma’ l-attrici A bit-tifel minuri li jismu B u li ghad ghandu tlett (3) snin, b’ mod u manjiera illi wahhal fil-persuna ta’ Mark Micallef biex jiehu lil minuri taht il-kura u kustodja effettiva tieghu, u lampantament qed juri li mhux kapaci li jiehu hsieb il-minuri B , kif l-istess attrici tipprova lil din il-Qorti fil-mori ta’ din il-kawza, u anke xejjen fix-xejn it-tentattivi kollha li ghamlet l-attrici A biex jekk jista’ jkun jintlahaq ftehim fuq separazzjoni bonarja u jigu evitati dawn il-proceduri quddiem il-Qorti, biss it-tentattivi kollha li ghamlet l-attrici sfaw fix-xejn u proprju llum il-kontendenti jinsabu ghaddejjin b’dawn il-proceduri legali;

3. Illi l-minuri B qed isofri tbatijiet kbar minn naha tal-konvenut missieru C , u bla dubju ta’ xejn il-konvenut C qed juza lil l-istess ibnu bhala arma ta’ nkejja fir-rigward t’ommu l-attrici A , li qed ifisser it-tbatijiet fizici u psikologici kbar ghal minuri B li ghad ghandu biss tlett (3) snin li zgur din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa’ ghaliex ma hijiex fl-interess suprem ta’ l-istess minuri B , kif tfisser l-istess ommu fid-dikjarazzjoni guramentata ma din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet f’ din ic-citazzjoni odjerna;

4. Illi ghaldaqstant il-hames (5) premessa tal-konvenut rikonvenzjonali ma tistax tigi milqugha billi l-konvenut rikonvenzjonali C minghajr l-ebda offiza ma huwiex kapaci li jiehu hsieb ibnu B , sitwazzjoni ta’ fatti li hija ammessa mill-istess C , u kif tkisser f’aktar dettal omm il-minuri B l-attrici A ;

5. Illi C jaf ben tajjeb kemm huwa qed jahqar lil l-istess ibnu B , u dan jammettih ma’ l-istess attrici A , u ghalhekk huwa tajjeb li dina l-Onorabbli Qorti tinvestiga jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta’ l-Appogg dan il-kaz fir-rigward tal-minuri B , li f’kull kaz ghandu jigi moghti lura f’idejn il-kura u kustodja t’ ommu A ;

6. Illi l-attrici rikonvenuta taqbel ma’ l-ewwel (1) talba tal-konvenut rikonvenzjonali biss minhabba htijiet

imputabbli biss lill-konvenut rikonvenzjonali u dan ghar-ragunijiet li qieghdin jigu ndikati f' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet u ohrajn fid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici rikonvenuta, apparti minn evidenza ohra;

7. Illi l-kura u kustodja tat-tifel minuri u cioe' B ta' tlett (3) snin ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici rikonvenuta billi l-konvenut rikonvenzjonali minn kull dimenzjoni ma huwiex kapaci li jiehu hsieb it-tiifel minuri, u ghad direttura jhallih il-hin kollu man-nanniet materni tieghu, apparti mill-fatt illi meta l-minuri jkun ma' missieru dan qed jigi assoggettat ghal hruxijiet fizici u psikologici bhal qawmien kmieni (fil-hamsa ta' fil-ghodu – 5.00am) giri mal-konvenut rikonvenzjonali ghan-negozzju li ghandu l-istess konvenut rikonvenzjoanli, u still ta' hajja mhux qed jippermetti lill-minuri jizviluppa dak il-mohh u dik il-fanatazija tant mehtiega ghal kull min huwa ta' eta' zghira, u kwindi huwa fl-interess suprem tal-minuri B li ommu l-attrici rikonvenuta terga' tigi fdata bil-kura u kustodja ta' binha llum ta' tlett (3) snin;

8. Illi t-tielet (3) talba tal-konvenut rikonvezjonali hija ghal kollox assurda, billi l-konvenut rikonvenzjonali imexxi negozju, negozju illi l-attrici rikonvenuta ghandha sehem sostanzjali minnu, u li minn dan is-sehem l-istess attrici rikonvenuta ghadha lanqas hadet biss millezmu, u kwindi ghandu jkun l-istess konvenut rikonvenzjonali li jghaddi manteniment ghall-istess ibnu minuri B u mhux jippretendi li l-attrici tivversa retta alimentari lill-konvenut rikonvenzjonali, kif il-Qorti tista' tapprezza bizzejjed meta johorgu l-fatti dwar l-assurdita' il-pika u l-mibgheda li temanixxi minn din it-tielet (3) talba tal-konvenut rikonvenzjonali, talba li hija kategorikament u assolutament frivola u vessatorja;

9. Illi r-raba' (4) talba tal-konvenut rikonvenzjali ma tistax tigi milqugha wara li l-Qorti tezamina c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, u f'dan il-kuntest l-attrici rikonvenuta tirreferi ghat-talbiet taghha f' din ic-citazzjoni odjerna;

10. Illi l-hames (5) talba ghandha tigi milqugha fis-sens kif jigi pruvat fil-mori tal-kawza mill-attrici rikonvenuta peress illi kienet l-istess attrici rikonvenuta li assistit lill-

konvenut rikonvenzjonali fin-negozju tas-“Super Fruit” fic-Centru Civiku tar-Rabat – Malta, u ghaldaqstant ghandha kull jhedd l-attrici rikonvenuta ghal sehemha minn dan in-negozzju li tieghu hija ghadha sal-gurnata ta’ llum kompropjetarja;

11. Illi kwantu ghas-sitt (6) talba tal-konvenut rikonvenzjonali din fic-cirkustanzi m’ghandha l-ebda validita’ gja’ la darba l-attrici rikonvenuta qed twiegeb fit-termini tal-ligi ghal din il-Kontro-Talba tal-konvenut C ;

12. Illi s-seba’ (7) talba tal-konvenut rikonvenzjonali hija bla bazi, billi l-konvenut rikonvenzjonali baqa’ jghix fid-dar konjugali u issa mar jghix f’ residenza ohra jew qed jippjana biex imur u kwindi l-attrici rikonvenuta m’ghandha tikkonsenja xejn lill-konvenut rikonvenzjali, anzi huwa l-istess konvenut rikonvenzjonali li ghandu jikkonsenja lill-attrici rikonvenuta l-beni parafernali kollha taghha, il-beni dotali, u sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti kif jigi elaborat u mfisser fil-komunjoni ta’ l-akkwisti;

13. Illi t-tmien (8) talba tal-konvenut rikonvenzjonali C ghandha tigi milqugha u dan biex jissalvagwardja l-ordni pubbliku u anke l-attrici rikonvenuta tkun taf ben tajjeb il-posizzjoni taghha fil-ligi kif inhija fil-konfront tal-konvenut rikonvenzjonali;

14. Illi l-attrici rikonvenuta A m’ ghandha tbati l-ebda forma ta’ spejjez la gudizzjarji u anqas extra gudizzjarji konnessi ma’ din il-kawza, u l-atti kollha incidentali, direttament u ndirettament ma’ din ic-citazzjoni, peress li kien l-istess konvenut rikonvenzjonali C l-htija unika tat-tifrik irremedjabbli ta’ dan iz-zwieg;

15. Illi salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici fejn hija tilmenta minn dak allegat minnha li meta inghata l-ahhar digriet mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili hija ma’ kellhiex opprtunita’ li tidher quddiem l-istess Qorti u wkoll tghid li mas-social worker Gino Zammit hija baqghet ma’ iltaqghetx, izda

skond hija mhux tort taghha; rat ukoll l-lista tax-xhieda kollox minn fol. 59 sa fol. 71 tal-process.

Rat ir-rikors (2) tal-attrici fejn talbet li jigi revokat id-digriet taghha tal-1 ta' Awissu 2002 fejn C gie nominat bhala kuratur *ad litem* tal-minuri. *Inoltre'* talbet ukoll li jigi revokat id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' April 2002 fejn it-tifel minuri kien gie fdat fil-kura u kustodja tal-missier. Hija talbet ukoll li jinhatru persuni mill-Agenzija Appogg biex jirrapportaw fuq is-sitwazzjoni ta' kif qed ighix it-tifel ma' missieru, u kif it-tifel kien ighix meta kien ma' ommu.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 16 ta' Awissu 2002 fejn irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tat-30 ta' Lulju 2002 biss fis-sens li nnominat lill-attrici bhala kuratrici *ad litem* fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi, bla pregudizzju ghal kull provediment ulterjuri li tista' tiehu f'din il-kawza ghar-rapprezentanza tal-istess minuri.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-30 ta' Awissu 2002 fejn talbet ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tas-Sekond'Awla tad-29 ta' April 2002 u talbet li provizorjament tinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri

Rat id-digriet tal-Qorti datat 26 ta' Awissu 2002 fejn ordnat lir-rikorrenti tipprezenta nota konciza, u mhux kif indikat f'dan ir-rikors, f'liema stadju waslet il-kawza, u f'dan l-istadju l-istess nota ghandha tigi pprezentata fi zmien ghaxart ijiem mid-data tad-digriet u notifikata lill-kontro-parti u lill-Perit Legali b'ghaxart ijiem zmien ghar-risposta u nota spjegattiva rispettivament mill-kontro-parti u mill-Perit Legali jew Assistent Gudizzjarju jekk hemm. Il-Qorti rrizervat li tipprovdi dwar l-istess fi stadju ulterjuri, wara li r-rikors jigi wkoll notifikat lill-kontro-parti b'20 gurnata ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-12 ta' Settembru 2002 a fol. 105 tal-process fejn *inter alia* jaghti r-ragunijiet tieghu ghaliex l-istess digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kellu jibqa' kif inhu u dan ghaliex hekk huwa fl-interess tal-minuri ghalkemm jammetti li tali digriet inghata wara li giet

intavolta din il-kawza u ghar-ragunijiet li l-konvenut jghid li kien attwribbli lill-attrici jissottometti li l-istess attrici qatt ma' iltaqghet mas-*social worker* Gino Zammit li ghamel l-istess rapport ghad-Dipartiment tal-Hidma Socjali.

Rat l-atti kollha annessi ma' l-istess risposta nkluza dik tas-*social worker* Gino Zammit datat 19 ta' Frar 2002 fejn sostna li huwa ghamel diversi tentattivi sabiex jiltaqa' ma' l-attrici li kienu kollha ghal xejn u kien biss fis-17 ta' Jannar 2002 li ltaqa' maghha meta mar personalment fir-residenza taghha. Wara marret ghall-laqgha ohra izda ma baqghetx tattendi. Saru diversi tentattivi ghall-kuntatti ohra izda kien kollu ghal xejn; b'hekk il-Qorti tat l-ordnijiet taghha datati 25 ta' Frar 2002 mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri fejn b'ordni tal-Qorti gew iffisati seduti fit-13, 21 u 25 ta' Marzu 2002.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 3 ta' Mejju 2002 quddiem il-Qorti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano li b'digriet datat 31 ta' Mejju 2002 u wara li rat ir-risposta tal-konvenut datata 25 ta' Mejju 2002 iddekretat l-istess rikors b'Digriet Numru 960/2002 fejn inghad li *"peress li ma' tarali hemm ebda raguni valida ghala ghandha tiddipartixxi mid-digriet taghha tad-29 ta' April 2002 tichad it-talbiet tar-rikorrenti".* (fol. 117- 123).

Rat in-nota ta' l-attrici datata 2 ta' Settembru 2002 a fol.125 sa 130 tal-process.

Rat ir-risposta u nota spjegattiva ta' C datata 12 ta' Settembru 2002 fejn jispjega li fil-hanut tghinu hemm certu Marisa.

Rat id-digriet ta' din l-Qorti datat 19 ta' Settembru 2002 fejn cahdet it-talba tar-rikors tal-attrici tas-26 ta' Awissu 2002 *stante* li ma jidhirx li hija gustifikata, b'dan pero' li l-attrici giet ordnata tipprezenta x-xhieda taghha u tax-xhieda kollha minnha indikati fil-kawza b'mod verament konciz dwar il-pretensjonijiet taghha skond id-digriet tal-affidavits hawn anness mhux aktar tard minn 30 gurnata mill-lum u fejn jigi indikat b'mod car il-pretensjonijiet attrici

dwar (a) responsabilita'; (b) manteniment – introjtu u bzonn; (c) kura, kustodja u access tal-minuri; (d) il-komunjoni tal-akkwisti – konsistenza u pjan ta' qasma, bil-valuri relattivi, kollox b'mod objet, car u qasir, u l-Qorti rriservat li tordna l-isfilz tal-istess affidavits jew uhud minnhom, li ma jkunux hekk redatti u li jikkostitwixxu abbuz tal-procedura legali u gudizzjarju u li ma jsirux in konformita' mar-regoli ta' xhieda u produzzjoni ta' dokumenti kollox kif indikat a fol. 139 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2002 fejn Dr. Emmy Bezzina iddikjara li m'ghandux provi aktar bil-procedura ta' l-affidavits. Il-Qorti ordnat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr Josette Demicoli biex tiffissa zewg seduti ghall-konkluzzjoni provi attrici sa l-ahhar ta' Novembru 2002. Inghata digriet ghall-affidavits tal-konvenut – erbghin (40) jum u ordnat lill-Assistenta Gudizzjarja biex tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha li jkun fadal tal-konvenut, u l-Assistenta Gudizzjarja ghandha tirritorna l-process ghall-finali trattazzjoni ghat-30 ta' April 2003.

Rat in-nota tal-attrici li biha pprezentat l-affidavit ta' **Mark Micallef.**

Rat in-nota tal-attrici li permezz taghha pprezentat l-affidavits tal-genituri taghha **Paola Portelli** u **Giuseppi Portelli** u ta' **Mary Grace Galea;** (fol. 150 sa fol. 160 tal-process).

Rat is-seduta tal-11 ta' Novembru 2002 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fejn xehdet l-attrici; tal-25 ta' Novembru fejn kompliet tixhed l-attrici; tas-16 ta' Jannar 2003 fejn Dr Graziella Bezzina ghall-konvenut ippezentat permezz ta' nota l-affidavit tal-konvenut u xehdet in kontro-ezami l-attrici **A vs A Portelli**.

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess immarkat bhala Dok. "PC 1" a fol. 340 sa fol. 349 tal-process;

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' **Marisa Grech.**

Rat is-seduta tat-30 ta’ Jannar 2003 mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja fejn xehed **Mark Micallef** u sar il-kontro-ezami tieghu wkoll; tal-11 ta’ Frar 2003 fejn xehed il-konvenut **C .**

Rat in-nota tal-attrici.

Rat is-seduta tal-11 ta’ Marzu 2003 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fejn xehed in kontro-ezami l-konvenut; tal-24 ta’ April 2003 fejn xehdu rapprezentanti tal-banek lokali; u tad-9 ta’ April 2003 fejn ma sar xejn minhabba li Dr Emy Bezzina ma setax jattendi minhabba li kien indispost.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ April 2003 fejn Dr Graziella Bezzina ghall-konvenut infurmat lill-Qorti li f’seduta wahda diga’ ffissata ghas-7 ta’ Mejju 2003 fis-1.00p.m. ghandhom jigu konkluzi l-provi tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-10 ta’ Gunju 2003.

Rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet biex jinhatar rapprezentant mill-Agenzija Appogg biex tkun tista’ tistudja sew ic-cirkostanzi ta’ min ghandu jkollu l-kura u l-kustodja tal-minuri; kif ukoll biex jigi revokat *contrario imperio* d-digriet tas-Sekond’ Awla tad-29 ta’ April 2002.

Rat ir-risposta tal-konvenut.

Rat id-digriet tas-16 ta’ Gunju 2003 fejn f’dak l-istadju l-Qorti cahdet it-talba, b’dan pero’ li fi zmien relattivament qasir, il-Qorti thoss li tkun idea tajba li hija tiehu konjizzjoni ta’ dak li jhoss l-istess minuri.

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja fl-4 ta’ Gunju 2003 fejn xehdet in kontro-ezami **Marisa Grech**. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx provi aktar.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Gunju 2003 fejn il-kawza giet differita ghat-13 ta’ Novembru 2003; u tat-13 ta’ Novembru 2003 fejn il-Qorti ordnat lid-difensuri jaghmlu

nota t’osservazzjonijiet (fi zmien erbghin (40) gurnata) b’referenza specifika ghall-atti processwali *stante* li dawn jammontaw ghal 626, u tali noti ghandhom ikunu koncizi u diretti lejn x’qed jippretendu l-partijiet u b’referenza ghad-dokumenti esebiti jew xhieda moghtija. Il-kawza giet differita ghall-20 ta’ Jannar 2004 ghall-finali trattazzjoni.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Jannar 2004 fejn Dr Emy Bezzina kellu jipprezenta nota fi zmien hamest (5) ijiem bin-notifika lill-kontro-parti li jkollu hames (5) t’ijiem ghan-nota responsiva, limitata ghall-access, kura u kustodja tal-minuri. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-4 ta’ Marzu 2004; tal-4 ta’ Marzu 2004 fejn il-kawza giet differita ghall-25 ta’ Mejju 2004; tal-25 ta’ Mejju 2004 fejn il-Qorti halliet il-kawza sabiex jidhru d-difensuri tal-partijiet u direttament jindikaw il-pretenzjonijiet tal-klijenti rispettivi b’referenza ghall-atti processwali. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Novembru 2004; tad-9 ta’ Novembru 2004 fejn il-kawza giet differita ghad-19 ta’ April 2005; u tad-19 ta’ April 2005 fejn Dr Emmy Bezzina ghall-attrici rrimetta ruhu ghall-atti. L-attrici talbet li tinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri. Il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Ottubru 2005 ghas-sentenza in difett ta’ ostakolo.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 13 ta’ Lulju 2005, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti, (i) sabiex fil-jum tas-Sibt, erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru 2005, l-attrici tkun tista’ tibqa’ zzomm fil-jum ta’ access li l-minuri maghha, lill-istess minuri B ta’ sitt (6) snin, ghal kumplament ta’ dan il-jum sabiex il-minuri jkun jista’ jittiehed m’ omm u fil-presenza u taht is-supervizzjoni kontinwa t’ ommu ghal dan it-tieg tal-familja ta’ l-attrici skond kif indikat fl-invit mehmuz mar-rikors u identifikat bhala Dok. “JC1”; (ii) tordna lil konvenut taht sanzjoni ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti li ma johloq ebda hlieqa, skuza jew ostakolu biex jippreveni lit-tifel minuri milli jkun m’ ommu tul il-jum kollu tas-Sibt, erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru 2005, u li *conisderando* c-cirkostanzi specjali jibqa’ jqatta’ l-lejl ma’ l-

istess rikorrenti fejn liema minuri jittiehed lura ghand missieru l-konvenut f’ jum il-Hadd, hamsa u ghoxrin (25) ta’ Settembru 2005 bejn nofs inhar u s-siegha ta’ wara nofs inhar halli l-minuri jkun lahaq strah adegwatement; (iii) tordna li *considerando* li l-jum tas-Sibt li huwa l-jum fejn normali l-attrici tigbor lil binha fid-disgha ta’ fil-ghodu (9.00a.m.) u tibqa’ zzommu sas-saghtejn ta’ wara nofs inhar (2.00p.m.), fil-jum partikolari tibqa’ zzommu l-kumplament tas-Sibt sal-ghada l-Hadd bejn nofs inhar u siegha ta’ wara nofs inhar (12.00p.m.) / 1.00p.m.) ghar-ragunijiet indikati fit-talbiet precedenti; (iv) li jinghataw dawk il-provedimenti kollha opportuni li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi biex dan l-avveniment ta’ ferh u anke t’ esperjenza ghal minuri B ma jigi bl-ebda mod imcajpar bl-agir negattiv, krudili, vendikattiv u pikuz tal-karattru mijopiku w insulari tal-konvenut Caruana C , kif il-konvenut tant facilment hu dispost li jkun; (v) li dan ir-rikors fic-cirkostanzi jigi deciz b’ urgenza minn din il-Qorti biex ikunu jistghu jittiehdu dawk il-mizuri kollha mehtiega ghal dan l-avveniment li daqstant huwa mportanti fil-hajja t’ omm il-minuri.

Rat id-digriet fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 2 ta’ Awissu 2005.

Rat id-digriet datat 8 ta’ Awissu 2005 tal-Sinjora Tieghu l-Onorevoli Prim’Imhallef Vincent A. De Gaetano LL.D., fejn il-Qorti laqghat biss l-ewwel talba fis-sens li fil-jum tat-tieg in kwistjoni l-access tar-rikorrenti gie estiz sa nofs il-lejl, cahdet it-tielet talba u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet l-ohrajn ghax superfluwi.

Rat id-digriet datat 29 ta’ Lulju 2005 fejn il-Qorti rat l-atti tal-istess citazzjoni u ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza *stante* li ghandha bzonn informazzjoni ulterjuri mill-partijiet u d-difensuri tal-istess u ordnat lid-difensuri sabiex javvicinaw lill-Qorti bil-mod opportun sabiex isir appuntament sabiex il-Qorti tara u tkellem lill-minuri, u f’dak l-istadju nnominat lis-social worker Salvina Frendo Cumbo sabiex tinvestiga l-kaz, tindika f’liema stat

qed jghix il-minuri, u tindika fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi l-interess tal-minuri huwiex li jghix ma’ l-omm jew il-missier, b’access indikat ghall-parti l-ohra, tali nomina saret a spejjez taz-zewg partijiet u dan ir-rapport kellu jsir anke fid-dawl tad-digrieti moghtija mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fosthom dak tad-29 ta’ April 2002 (717/2002) u dak tal-20 ta’ Marzu 2001 (381/2001); ordnat lill-partijiet u partikolarment lill-konvenut jesebixxi stima ta’ valur ta’ l-azjenda u l-hanut tieghu u u l-introjtu mill-istess ghal dawn l-ahhar hames snin u dan kif cerifikat minn Accountant / Awditur kwalifikat u dan fi zmien tlettin (30) gurnata bin-notifika lill-kontro-parti u fl-ahharnett ordnat lill-partijiet jesebixxu fi zmien tlettin (30) gurnata ta’ l-art li jippossjedu u hemm bejniethom.

Rat il-verbal datat l-1 ta’ Settembru 2005 fejn fuq ordni tal-Qorti l-kawza giet rikjamata ghal din id-data biex il-Qorti tkellem lill-minuri. Id-difensuri qablu li l-hanut ghandu jdur b'kera fuq il-konvenut u qablu li l-hanut ser jinzamm mir-ragel. Id-difensuri tal-partijiet qablu li ma jsirux stimi. Dr. Bezzina irreferit ghad-djun. Il-Qorti kelmet lill-minuri in kamera u l-minuri ndika x-xewqat tieghu lill-istess Qorti. Id-difensuri qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza, b'dan li r-rapport tas-social worker wara li tithallas tkun tista' tahlef l-istess rapport fir-Registru. Il-partijiet obbligaw ruhhom li jhallsu d-drittijiet ta' l-Agenzija Appogg u rriservaw li jipprezentaw nota dwar l-istess fi zmien 20 jum minn meta jinhalef ir-rapport fir-Registru u qabblu li l-kawza tista’ tibqa’ ghas-sentenza ghas-27 ta’ Ottubru 2005. Il-kawza fil-fatt thalliet ghas-sentenza ghall-istess data tas-27 ta’ Ottubru 2005.

Rat ir-rapport tas-*social worker* Salvina Frendo Cumbo datat 25 ta’ Awissu 2005 mahluf fir-Registru mill-istess *social worker* Salvina Frendo Cumbo fid-19 ta’ Settembru 2005.

Rat li l-Qorti hadhet konjizzjoni ta’ l-appuntament li l-istess Qorti kellha mal-minuri *in camera* fl-1 ta’ Settembru 2005.

Rat l-osservazzjonijiet ulterjuri tal-partijiet moghtija anke waqt l-istess seduta ta' l-1 ta' Settembru 2005 u wkoll s-sottimissjonijiet ta' l-istess partijiet wara l-istess rapport.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet li zzewgu fit-8 ta' Marzu 1997 u li minn din ir-relazzjoni kien hemm biss tifel wiehed B   li twieled fis-17 ta' Lulju 1997. Fejn il-fatt li l-attrici telqet mid-dar konjugali fl-14 ta' Lulju 2000 mhux kontestat u ghalhekk l-istess kopja ilha hekk separara fattwalment minn dik id-data.

Illi l-partijiet kienu ilhom numru ta' snin flimkien qabel ma zzewgu. L-attrici xehdet u tallega li ma kinitx stmata. Sostniet li kien hemm nuqqas ta' rispett min-naha ta' zewgha minhabba li kien jahdem mit-Tnejn sal-Hadd. Lanqas lit-tifel ma kien jikkalkula. Kien jitlaq mill-4.00a.m. u ma jmurx lura d-dar qabel is-7.00p.m. F'nofsinhar kien imur jiekol ghand ommu. Huma kienu xtraw negozju. Il-konvenut kien jiehu hsieb il-hanut hu nnifsu u hija ammettiet li l-hanut fih hafna xoghol. Hija xehdet li ghax-xiri ta' ikel u ghat-tifel ma tilmentax izda kien igerger jekk tixtri xi haga ghaliha. Illi minhabba f'hekk peress li hija kienet tahdem ma' certu Mark Micallef u rat rispett akbar minnu milli minghand zewgha hi bdiet relazzjoni mieghu.

Illi l-istess attrici xehdet in kontro-ezami li r-relazzjoni extra-maritali taghha kienet ilha ghaddejja minn meta kienet ghadha tmur il-hanut u kienet diga' mizzewga. B'hekk hija telqet mid-dar bit-tifel fl-14 ta' Lulju 2000 u marret toqghod ma' Mark Micallef.

Illi min-naha tieghu l-konvenut xehed li huwa qatt ma naqasha f'xejn lil martu u kienu johorgu regolarment. Fi Frar 2000 beda jinnota li l-atteggament ta' martu fil-konfront tieghu kien qed jinbidel izda hu kellu fiducja fiha. Izda mbaghad kien hemm persuna li qaltlu li Mark Micallef

kien qed jidhol f'daru meta jkun ix-xoghol u martu kienet tkun id-dar bit-tifel. Meta l-konvenut ikkonfronta lil martu hi ammettiet mieghu. Huwa spjega li meta hi telqet mid-dar bit-tifel dam tlett ijiem ma jafx fejnha. *Inoltre'* spjega wkoll li kellu jaghmel id-*DNA test* ghax martu dahlitlu dubju f'mohhu li t-tifel seta' ma kienx tieghu. Huwa sar jaf, infatti, li r-relazzjoni bejniethom kienet ilha ghaddejja qabel Ottubru 1998.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak minhabba li l-attrici kkommettiet adulterju, u dan adirttura huwa ammess minnha sahanistra fic-citazzjoni attrici. Ir-ragunijiet li tat hi dwar l-allegat nuqqas ta' rispett li zewgha kellu lejha bl-ebda mod ma gew sostanzjati, u certament li ma' jistax jinghad mill-provi prodotti li kien l-agir tal-konvenut li wassal ghat-tifrik taz-zwieg.

Illi ghal dak li jirrigwarda dan il-kaz il-fatt li huwa allegat li l-konvenut kien jahdem hafna, anki jekk wassal li l-attrici tkun hafna wahedha, mhux raguni valida sabiex jinghad li kien il-konvenut li wassal b'xi mod ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg. Dan qed jinghad anke peress li jidher mic-citazzjoni u d-dikkarazzjoni attrici li l-istess attrici kienet qed tghid mill-bidu nett tal-kawza li hija kwazi izzewget lill-konvenut bil-fors ghaliex hija ma kinitx thobbu. F'dan is-sens ghalkemm bla dubju hafna hin fuq ix-xoghol inaqqas il-hin li l-mizzewgin jqattghu flimkien pero' dan irid jittiehed fl-isfond tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u f'dak in materja jirrizulta li tali hin huwa kwazi necessarji specjalment meta wiehed ikun ghadu qed jistabilxxi negozju u wiehed ghalhekk  jista' jifhem is-sitwazzjoni li l-konvenut sab ruhhu fiha.

Illi dan ma jfissirx pero' li l-attrici kellha tipproffitta ruhha mill-istess u fil-fatt jidher li konsonanti ma' l-ammissjoni taghha li hija qatt verament ma' riedet li tizzewweg lill-konvenut, u allura l-implikazzjoni cara li hija ma kinitx thobb lill-konvenut, hija bdiet relazzjoni ma' certu Mark Micallef, u dan ftit xhur biss wara z-zwieg taghha mal-konvenut. Dan ifisser li anke  jekk kien ser ikun hemm xi problemi mal-konvenut hija ma ppruvatx tipprova ssib

soluzzjoni ghalihom izda sabet lil haddiehor mal-ewwel u dan dejjem fl-isfond li l-attrici tiddikjara b'mod car li hija hasset li qatt ma' kellha tizzewweg lill-konvenut u ghamlet dan sabiex ma' tiddisapuntax lill-familjari taghha fost l-ohrajn.

Illi ghalhekk ma' hemm l-ebda dubju li din is-separazzjoni personali ghandha tigi ddikjarata li sehhet ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-attrici u f'dan is-sens biss ghandha tigi milqugha it-talba attrici u l-kontro-talba tal-konvenut.

Illi minn dan iz-zwieg twieled il-minuri B    fis-17 ta' Lulju 1999. Meta l-attrici telqet mid-dar biex tmur tghix ma' Mark Micallef kienet hadet lit-tifel maghha. It-tifel dam ighix maghha ghal kwazi sentejn fejn il-kura u l-kustodja kienet wahda kongunta u dan skond digriet tal-Qorti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri fuq indikat. Illi sussegwentement sar rikors mill-konvenut u l-kura u l-kustodja giet fdata f'idejh u t-tifel beda jghix mieghu u hawn issir referenza ghad-digriet ukoll tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano, llum is-Sinjora Tieghu l-Onorevoli Prim'Imhallef u hawn issir referenza ghad-digriet ta' l-istess Sekond'Awla tal-Qorti Civili fuq indikat, li inghata wkoll wara li din il-kawza kienet gja pprezentata quddiem din il-Qorti, kif jidher mid-data ta' l-istess digriet u wkoll mid-data meta giet intavolata l-azzjoni attrici.

Illi l-posizzjoni baqghet l-istess almenu *pendente lite* u kull genitur irid l-kura u l-kustodja ghalih/a. Kien ghalhekk li din il-Qorti hasset li kellha tkellem hija l-minuri u wkoll li tinnoma lill-Agenzija Appogg sabiex tirrelata fl-interess tal-minuri dwar il-kura u kustodja ta' l-istess minuri u dan senjatament minhabba l-allegazzjonijiet li saru mill-partijiet kontra xulxin, fejn jidher li hemm pika kbira bejn l-istess genituri dwar ma' min ghandu jghix l-istess minuri.

Illi dwar l-istess din il-Qorti hadhet konjizzjoni ta' l-allegazzjonijiet l-attrici f'dan ir-rigward fejn hija xehdet li t-tifel ma' missieru jkollu jqum kmieni filghodu fil-5.00.a.m. u

dan minhabba x-xoghol tieghu u ghalhekk hija sostniet li l-istess minuri mhux qed jgi mrobbi fi stat tajjeb kif kien maghha u dan anke minhabba n-natura tax-xoghol ta' zewgha.

Illi l-istess attrici kompliet tghid li zewgha joqghod m'ommu u missieru u li kieku ma jsajjrulux ommha jew omm zewgha t-tifel jiekol *junk food.* Hija sostniet li ghalkemm bhalissa tahdem fil-hanut ta' Mark Micallef meta jkollha t-tifel ma tmurx u ma tersaqx lejn il-hanut. Tmur biss meta t-tifel ma jkunx ghandha. Skond hi l-konvenut lanqas il-Hadd m'ghandu gurnata libera ghax filghodu wkoll ikun irid imur ghall-haxix u jiehu lit-tifel mieghu. Zewgha jhalli hafna lit-tifel man-nanniet materni, anki biex jorqod ghandhom.

Illi ma' hemm l-ebda dubju li l-attrici trid lit-tifel jghix maghha. Hija lesta li ttih kamra ghalih. Hija sostniet li ghalkemm tghix ma' Mark Micallef, dan ma' kien ser ikun ta' l-ebda hsara lit-tifel. Min-naha l-ohra fil-kontro-ezami qalet li t-tifel hu b'sahhtu u li jiekol. Illi huwa sinfikanti taht dan l-aspett li meta mistoqsija jekk kienx hemm xi nuqqas da parti tal-konvenut fil-konfront tat-tifel irrispondiet li lilha biss qed jonqos ghax lit-tifel ma tarahx hafna.

Illi l-konvenut xehed li meta t-tifel kien qed ighix m'ommu huwa kien qed jiddejjaq li t-tifel kien ikun fil-presenza ta' Mark Micallef. Hi kienet qed tmur il-hanut ta' Mark Micallef u tiehu lit-tifel maghha u thallih gewwa *playpen.* Kien ghalhekk, jghid il-konvenut li huwa pprezenta rikors specjalment minhabba li t-tifel kien qed jithawwad dwar min kien missieru. Fl-ahhar il-kura u l-kustodja tat-tifel ghaddiet f'idejh. Dan kien f'April 2002 u hu kien diga' mar joqghod ghand ommu.

Illi huwa jsostni li l-istess minuri jkun dejjem mieghu u ghandu ghajnuna minn tal-familja tieghu. Huwa jipprova jkun flessibbli dwar l-access u fejn jidhol it-tifel jippruva jilhaq ftehim mal-attrici. Jghid li infatti l-attrici zzomm lit-tifel ghal hinijiet itwal minn kif provdut fid-digriet tal-Qorti.

Illi l-istess konvenut jghid li minn mindu ghandu lit-tifel beda jghix mieghu ghamel arrangamenti ohra bil-hanut. Infatti huwa talab lill-impjegata tieghu, Marisa Grech, biex tibda tiftah il-hanut hija. In-negozju ma kienx ta' xkiel biex jiehu hsieb lit-tifel. Fil-ghaxija jaghlaq dejjem hu ghal habta tas-6.30. p.m. u s-7.00p.m. biex jigbor il-*cash.*

Illi huwa xehed li jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tat-tifel, anke jiehdu ghand tobba meta jehtieg, iwasslu kuljum l-iskola, u jerga' jmur ghalih, hlief f'dawk l-okkazzjonijiet meta bi ftehim bejniethom tmur ghalih l-attrici. Huwa jiehu hsieb li johorgu, u ma jitliqux minn taht ghajnejh. Jiehdu ta' spiss kemm ghand in-nanniet paterni u wkoll dawk materni. Huwa ghandu ghajnuna minn ommu ghax issajjarlu u tahsillu l-hwejjeg. Mill-bqija kollox hu jaghmillu lit-tifel. Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici sostniet li l-affarijiet inbidlu u n-nanniet materni m'ghadhomx jarawh daqshekk.

Illi l-konvenut iddikjara li huwa dispost li anki jbiegh in-negozju biex jiehu hsieb lit-tifel. Huwa jinsisti li l-kura u l-kustodja tibqa' f'idejh. Rigward access ihoss li l-arrangament prezenti cioe' tlett darbiet fil-gimgha u darba fl-ahhar tal-gimgha ghandu jibqa' fis-sehh. Huwa kien anki ipproponilha li t-tifel jaghmel jumejn mieghu u jumejn maghha bil-patt li fil-jumejn li jkun maghha hi tmur torqod ghand ommha. Din il-proposta pero' ma sehhitx. Il-konvenut mhu qieghed fl-ebda relazzjoni ma' persuna ohra u fil-fatt ma' saret l-ebda allegazjoni f'dan is-sens. Fl-ahharnett xehed li huwa ma jridx li t-tifel imur il-hanut ta' Mark Micallef u li l-istess jarah u din hija certament l-oggezzjoni principali tal-konvenut li l-kura u l-kustodja tigi moghddija lill-attrici.

Illi f'dan is-sens huwa ta' interess ukoll dak li qalet **Paola Portelli,** omm l-attrici, f'dan ir-rigward cioe' li l-konvenut jaf jiehu hsieb lit-tifel. Zewgha, Giuseppe Portelli, qal hekk *"Jiena naf li t-tifel huwa kuntent u mizmum tajjeb ghalkemm in-nuqqas ta' l-omm ihossha hafna."*

Illi fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George**

**Lawless"**, deciza fit-8 ta' Dicembru, 1858 (Vol. I.180) inghad illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera piu' atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"John Cutajar vs Amelia Cutajar et"** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 1956 (Vol. XL.II.714) inghad *"illi, apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak ta' l-aktar utilita' u dak ta' l-aqwa vantagg u nteress ta' l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut".*

Illi kompliet tghid dik il-Qorti illi *"fil-kamp li fuqu qeghdin nitkellmu, ghalkemm il-parti umanitarja ghandha certament l-importanza taghha fir-relazzjoni tal-persuni li jkunu taw il-hajja lill-istess minuri, eppure l-istess m'ghandhiex tipprevali fuq l-interess u vantagg dirett ta' l-istess tfal; bhal m'ghandhiex ikollha fil-hajja ta' kuljum - kif l-esperjenza tghallem - prevalenza l-affezzjoni jew l-attakkament lejn persuna, anki jekk dettat minn natura, fuq id-dover impost mir-raguni fl-azzjonijiet tal-bniedem tant bhala membru tal-familja, kemm bhala membru tal-komunita` li lilha jkun jappartjeni. Meta l-ghajn tar-raguni, f'xelta ta' l-azzjoni li bniedem jkun irid ta' bilfors jaghzel li jaghmel, turi dover, impellenti versu certa linea ta' kondotta, ghalkemm dik l-ghazla tkun timporta azzjoni drastika fil-kamp umanitarju, eppure' dik il-hruxija ma tkunx hlief apparentement tali; in kwantokke li bilanci tal-mohh id-dover, li jeleva l-bniedem, u mhux ibaxxieh, ikun gheleb kwalunkwe kunsiderazzjoni ohra li di fronti ghalih (dover) tkun anqas tajba u anqas dinjituza"*

Illi hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Giuseppe Scicluna vs Maria Scicluna pro et noe"** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 1958 (Vol. XLII.ii.1068) inghad *"li l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika (li titkellem fuq l-edukazzjoni, terminu li ontologikament jimporta l-kura u l-amministrazzjoni tas-sustanzi taghhom (ara De Rohan Lib. III, Capo II, paragrafo XXIV), sew fil-ligi vigenti (ara argument mehud mill-**art. 68 Kap. 23**), kif ukoll fil-gurisprudenza estera (Annali della Giurisprudenza Italiana, Volume VII, P. II, p.39, Appell Lucca 4 ta' Settembru 1872 in re Buoni utrinque), u f'dik lokali (ara Prim' Awla Civili 8 ta' Dicembru 1858, "Lawless utrinque", Vol. I pag. 180, kolonna sekonda (2da.) med.; Appell 26 ta' April 1867*, ***"Camenzuli vs. Gatt",*** *Volume IV, pagina 74, kolonna prima in fine; Prim' Awla Civili 28 ta' Jannar 1956 in re* ***"John Cutajar vs Amelia mart l-istess John Cutajar"****; u hafna ohrajn), hija regolata mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkostanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Yolanda Formosa vs Maggur Frank Formosa"** deciza fl-10 ta' Gunju, 1964 (XLVIII.ii.1033) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nghad illi *"b'gid tat-tfal ghandna nifhmu mhux tant il-profitt materjali kemm il-ben esseri morali taghhom. It-tfal, f'kawzi bhal dawn, m'humiex oggett in kontraversja u l-interess tal-genituri fil-kwistjoni dwar il-kustodja taghhom huwa nservjenti ghall-interess tat-tfal".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Sylvia Melfi vs Philip Vassallo"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Novembru, 1998 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child".*

*"The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made*

*against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."*

Illi fil-kaz in kwistjoni ma rrizultax li hemm xi kontroversji kbar. Irrizulta li l-genituri huma kapaci jikkomunikaw bejniethom fejn jidhol it-tifel, tant li l-missier izid fil-hinijiet tal-access tal-omm u ma jsibx problema fuq hekk. Iz-zewg genituri jridu lit-tifel maghhom. Pero' ma hemm l-ebda dubju li l-pika bejn il-partijiet fuq l-istess minuri wasslet lill-istess partijiet sabiex ma jasslux fi ftehim accettabbli ghat-tnejn fl-interess ta' l-istess minuri u ghalhekk din il-Qorti, hasset li fuq kollox kien id-dover taghha li qabel ma' taghti s-sentenza tara hija stess lill-istess minuri u wkoll qabdet lill-Agenzija Appogg sabiex wara li tara kif attwalment qed jghix l-istess minuri tara u tissugerixxi lill-Qorti dak li hija thoss li huwa fl-interess tal-minuri, u dan anke sabiex din il-Qorti, kemm jista' jkun possibbli tara li d-decizjoni li tkun ser tiehu, tittiehed wara li tkun eziminat dak kollu possibbli sabiex umanament tasal ghal dik li thoss li hija l-ahjar decizjoni ghall-gid massimu ta' l-istess minuri – la darba l-genituri ma' wasslux ghall-ftehim dwar l-istess – ftehim li setghu wkoll bi ftit aktar umilta' jasslu ghalih, iktar u iktar meta jidher li accettaw is-sitwazzjoni ta' bejniethom.

Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, u wara li l-istess Qorti kellmet lill-minuri u anke rat ir-rapport ta' l-Agenzija Appogg, u wara li semghet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-partijiet fuq dan il-punt, thoss li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri B ghandha tibqa' f'idejn il-konvenut C bi dritt tal-access ghall-omm. Dan ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok ma jaghmilx sens li wara snin tizradika lit-tifel mir-rutina tieghu dawn zgur ma jkunx fl-interess tieghu. Dan jinghad naturalment ghax gie ppruvat sufficjentement li t-tifel fejn qieghed huwa kkurat u qieghed sewwa. Il-

konvenut huwa missier li ghat-tifel kien anki lest li jaghmel arrangamenti differenti ghal dak li jirrigwarda x-xoghol biex ikun jista' aktar jiehu hsieb lit-tifel. Dan illum huwa wkoll ikkonfermat mir-rapport ta' l-istess *social worker* u hawn issir ampja referenza ghall-istess rapport li l-kura l-kustodja tibqa' f'idejn il-missier, liema persuna marret fil-post fejn joqghodu z-zewg partijet u wkoll kellmet lill-genituri ta' l-istess minuri u l-istess minuri.

Illi infatti dan sar wara li mill-provi kien gie ppruvat li l-hanut sar jinfetah minn Marisa Grech u l-hanut jitmexxa minnha ghal tul ta' hin. Il-konvenut iwassal lit-tifel l-iskola u anki jmur ghalih. Il-hanut imur fil-hin li t-tifel ikun l-iskola u filghaxija gieli jnizzlu l-hanut mieghu. Mhux hekk biss izda huwa ddikjara li mhux qieghed fl-ebda relazzjoni minhabba l-gid tat-tifel. Infatti fl-ebda mument qatt gie allegat li l-konvenut ghandu lil xi hadd iehor.

Illi din il-Qorti ma tiddubitax li l-omm thobb lil binha, pero' jirrizulta li ma hasbithiex darbtejn biex tibda relazzjoni ftit xhur biss wara z-zwieg meta ma jidhirx li kien hemm xi problemi fiz-zwieg taghha mal-konvenut. Hija telqet mid-dar specifikatament biex tmur tghix mas-sieheb prezenti taghha u llum tali relazzjoni hija ghal kollox stabbli.

Illi ghalkemm hija sostniet li ghandha l-hin kollu ghat-tifel u ladarba jkun maghha ma tmurx il-hanut tghin lil Mark Micallef, din il-Qorti ma' thossx li fic-cirkostanzi tal-kaz dawn huma ragunijiet validi sabiex hija llum tinghatalha l-kura u l-kustodja ta' binha. Min-naha l-ohra pero' lanqas ma jaghmel sens li t-tifel ikun ghand nantu meta ommu tista' zzommu ghal hinijiet itwal. B'hekk irid jinsab bilanc fejn l-omm tgawdi aktar lil binha, kemm jista' jkun mhux fil-presenza ta' Mark Micallef; u fl-istess hin il-hajja tat-tifel ma titbiddilx daqstant *tenendo* kont li issa qed jikber u jibda anki jkollu l-affarijiet tieghu. Konsegwentement, l-access ta' l-omm ghandu jizdied. Bhalissa l-access huwa kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn is-2.00.p.m. u l-4.00p.m., u kull nhar ta' Sibt bejn id-9.00.a.m. sas-2.00p.m.

Illi l-partijiet ghamlu s-suggerimenti taghhom. L-attrici sostniet li fin-nuqqas li tinghata l-kura u l-kustodja ghandha tinghata aktar access. Min-naha tieghu l-konvenut ukoll issugerixxa hinijiet itwal ghall-access. Din il-Qorti hadhet konjizzjoni wkoll tal-fatt li meta hija kellmet lill-minuri huwa wera bla dubju ix-xewqa li huwa jibqa' jghix mal-missier, ghalkemm stqar li kien jippreferi kieku l-genituri tieghu baqaw flimkien; jidher ukoll li l-istess tifel huwa tifel intelligenti, qed jigi mrobbi sew u jhobb lill-genituri tieghu, li certament ihobbuh ukoll, b'dan li minhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti thoss li huwa fl-interess tal-minuri li b'effett mid-data ta' din is-sentenza l-access ghandu jigi ezercitat bil-mod kif gej:-

Illi waqt is-sena skolastika l-access ghandu jkun kull nhar ta' Tnejn, Tlieta u l-Hamis. Hija ghandha tigbor lit-tifel mill-iskola f'dawn il-granet u l-minuri ghandu jigi ritornat ghand missieru fis-sitta ta' filghaxija (6.00.p.m.).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ahhar tal-gimgha l-access ghandu jkun kull nhar ta' Sibt mid-disgha ta' filghodu (9.00.a.m.) sal-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00.p.m.).

Illi fil-vaganzi tal-Milied, tal-Ghid u tas-Sajf l-access ghandu jkun kull nhar ta' Tnejn, Tlieta u l-Hamis mid-disgha ta' filghodu sal-erba' ta' filghaxija (4.00.p.m.) ; u kull nhar ta' Sibt mid-disgha ta' filghodu (9.00.a.m.) sal-hamsa ta' filghaxija (5.00.p.m.)

Illi dan l-access m'ghandux isir fil-presenza ta' Mark Micallef jew terza persuna ohra li mhiex xi familjari tal-partijiet u tal-minuri. *Inoltre'* l-access m'ghandux isir fir-residenza tieghu meta jkun hemm huwa.

Illi dar matrimonjali m'hemmx peress li fejn kienu joqoghdu kien bil-kera u wara xi zmien li l-attrici telqet mid-dar il-konvenut ceda l-post u mar joqghod ghand il-genituri tieghu.

Illi waqt iz-zwieg huma xtraw in-negozju 'Superfruit'. Ghalkemm fil-kuntratt tax-xiri tnizzel li dan inxtara bl-ammont ta' sittin elf lira Maltija (Lm60,000), il-partijiet

jaqblu li dan effettivament inxtara hamsa u hamsin elf lira Maltija (Lm55,000). Parti minn din is-somma ttiehdu bhala self minn Bank lokali u l-bqija thallsu fi flus kontanti. Tmien t’elef lira Maltija (Lm8,000) kienu self minghand omm l-attrici li ghadhom ma thallsux. Il-kumplament inhargu minnhom it-tnejn, filwaqt li nfatti, l-attrici sostniet li hija harget sitt elef u seba’ mija u sbatax il-lira Maltija (Lm6,717) li kienu taghha ta’ xebba. Il-konvenut ma cahadx li inhareg dan l-ammont mill-attrici. Hija infatti esebiet *statement of account* taghha (Dok. “JPC 4” a fol.217 tal-process).

Illi min-naha tieghu l-konvenut xehed li bhala pagament ghas-self hemm dak ta’ sitt mitt lira Maltija (Lm600) fix-xahar li dejjem thallsu minnu. Tithallas ukoll is-somma ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) bhala kera fis-sena ghall-hanut. Dan il-hanut ghadu fuq isem Mark Micallef. *Inoltre’* hemm ukoll *life policy* – Dok. “JCP8” a fol.222 tal-process.

Illi l-attrici qed tippretendi nofs il-hanut li ghandhom jissarrfu f’ammont ta’ flus. Illi jigi osservat pero’ l l-attrici ghamlet ftit zmien biss toqghod mal-konvenut. Infatti l-iskrittura tax-xiri hija datata 18 ta’ Frar 1999 u l-attrici telqet mid-dar fl-14 ta’ Lulju 2000 u kienet ilha ghaddejja bir-relazzjoni ma’ Mark Micallef kif ammettiet hija stess ftit xhur wara z-zwieg. Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi dikjarata xolta mid-data ta’ meta l-attrici bdiet ir-relazzjoni ma’ l-imsemmi Mark u dan ftit xhur wara z-zwieg taghhom u ghandhom japplikaw fil-konfront ta’ l-attrici id-disposizjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

Illi n-negozju ghandu jigi assenjat lill-konvenut anke bl-applikazzjoni ta’ l-istess **artikolu 48 tal-Kap 16.** Ladarba l-isem tal-hanut ikun se jdur dan ghandu jdur f’isem il-konvenut u fil-fatt fil-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Settembru 2005 jidher li ma’ ghandux ikun hemm problema sabiex dan issir. Biss meta jsehh dan l-konvenut huwa ordnat li jaghti u jhallas lill-attrici l-ammont ta’ sitt elef, seba’ mija u sbatax il-Lira Maltija (Lm6,717) li hija harget minn flus ta’ meta kienet ghadha xebba u ghalhekk huwa kreditu parafernali taghha.

Illi ma nghatawx dettalji ta’ meta s-self mal-bank beda jithallas imma jekk wiehed jikkalkula b’sitt mitt lira Maltija (Lm600) fix-xahar pagament ghall-ammont ta’ xhur bejn id-data ta’ l-iskrittura u d-data ta’ meta l-attrici telqet dawn kienu sittax (16)-il xahar. Kwindi bejn wiehed u iehor kien thallas l-ammont ta’ circa disa’ t’elef u sitt mitt lira Maltija (Lm9,600) u b’hekk jigi li sehem l-attrici bhala partecipi mill-komunjoni ta’ l-akkwisti huwa l-ammont ta’ Lm4,800, pero’ b’effett ta’ l-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** u anke minhabba dak li ser jigi provdut iktar il-quddiem l-istess attrici ma’ ghandhiex dritt ghall-istess ammont. Fuq in-negozju ghad hemm id-dejn kemm mal-Bank kif ukoll mal-genituri tal-attrici. Illi d-dejn mal-bank ghandu jithallas mill-konvenut, filwaqt li d-dejn mal-genituri ta’ l-attrici ghandu jithallas mill-attrici anke in vista ta’ l-assenjazzjoni lilha ta’ l-immobbli li kienet moghtija lill-partijiet f’donazzjoni, filwaqt li l-konvenut ghandu jiehu hsieb kull dejn li ghandu mal-familja tieghu.

Illi fil-fatt l-partijiet jaqblu li wara z-zwieg il-genituri taghha tawhom bicca art fil-Bahrija biex jizviluppawha u jibnu d-dar fuqha. Din l-art mhux zviluppata ghax il-permess ma nharigx minhabba li qieghda barra d-*development zone.* Skond l-attrici din l-art giet stmata fl-ammont ta’ (Lm25,000) bla permess u (Lm50,000) bil-permess. Skond il-konvenut l-art giet stmata Lm30,000. Din l-istess art ghamlet tajjeb ghas-self tal-hanut. Illi l-konvenut fin-nota tieghu issuggerixxa li din l-art tigi assenjata lill-attrici. Infatti din il-Qorti tordna li sehem il-konvenut minn din l-art ghandu jigi trasferit lill-attrici minghajr piz jew debitu gravanti l-istess b’dan pero’ li l-attrici ghandha thallas kull dejn dovut mill-genituri kif fuq premess.

Illi rigward l-Lm4,800 li setgha jigi kkunsidrat bhala sehem l-attrici mill-pagamenti li thallsu ghas-self tal-bank qabel ma hi abbandunat id-dar konjugali, japplikaw id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-attrici u b’hekk l-attrici tilfet kull dritt li hija setgha qatt kellha mill-istess; dan apparti li r-rimanenti d-dejn ta’ l-istess negozju qed jigi assenjat kollu lill-konvenut.

Illi ghalhekk tenut kont tal-fatt li rrizulta li wara biss ftit xhur l-attrici bdiet ir-relazzjoni ma' Mark Micallef dan l-ammont m'ghandux jinghata lill-attrici u hija kif inghad idekkadiet mill-istess inforza tad-disposizzjonijiet tal-ligi li qed jigu applikati kontra taghha. Dan qed jinghad ukoll fl-isfond li din il-Qorti iddecidiet li l-art imsemmija ghandha tigi assenjata lill-attrici ghalkemm l-istess dejn mal-genituri taghha ghandu jibqa' responsabilita' taghha biss.

Illi dwar mobbli l-attrici xehdet li nxtraw diversi affarijiet fiz-zwieg u semmiet xi ftit minnhom. Il-konvenut min-naha tieghu xehed li hafna mill-affarijiet inxtraw minnu qabel iz-zwieg. Ma giet ipprezentata l-ebda lista ta' f'hiex jikkonsistu ezattament dawn il-mobbli u l-ebda ricevuti ma gew ezebiti. Irrizulta li l-attrici meta telqet hadet xi oggetti maghha u ghalhekk dwar il-mobbli din il-Qorti tiddeciedi li kull parti zzomm l-affarijiet li ghandha fil-pussess taghha.

Illi l-attrici sostniet li hija u zewgha xtraw il-karozza Hyundai waqt iz-zwieg. Il-konvenut min-naha tieghu sostna li din inxtrat minn missieru – infatti hi registrata f'isem missieru – pero' juzaha huwa. Ma ngabet l-ebda prova dwar din il-karozza li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-partijiet jaqblu li l-karozza hi registrata f'isem missier il-konvenut u b'hekk din il-Qorti tastjeni milli tiddeciedi dwarha *stante* li ma rrizultalhiex li l-karozza imsemmija tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Illi l-*life policy* bin-Numru 30527N qed tigi assenjata lill-konvenut u dan *stante* li huwa baqa' jaghmel il-pagamenti dwar l-istess.

Illi l-attrici fit-talbiet taghha talbet manteniment minghand zewgha. Illi jigi deciz li l-attrici ddekadiet minn dan id-dritt *stante* l-adulterju taghha u ghalhekk anke bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra taghha.

Illi l-konvenut fit-tielet talba tal-kontro-talba tieghu talab manteniment minghand martu. Mill-provi prodotti rrizulta li l-attrici m'ghandhiex introjtu u b'hekk mhiex f'posizzjoni li tghaddi manteniment lill-konvenut u dan apparti li l-istess konvenut ghandu l-mezzi sabiex jmantni lilhu nnifsu.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b'xi mod kompatibbli ma' dak premess, **u tichad il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmien, l-ghaxar, it-tnax, u t-tlettax, sittax u sbatax talbiet attrici u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi tiddeciedi dwar it-talbiet attrici bil-mod kif gej:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba biss fis-sens li tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi Caruana li a bazi taghha jispicca, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta' bejniethom li jghixu flimkien;

(2) Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tiddikjara li din is-separazzjoni sehhet ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici minhabba adulterju kommess minnha ghad-dannu tal-konvenut;

(3) Tilqa' t-tielet talba fis-sens li l-firda legali tirreferi ghaz-zwieg li kien sehh fil-Bahrija limiti tar-Rabat (Malta), fil-Knisja ta' San Martin, nhar is-Sibt, 8 ta' Marzu, 1997, skond vera kopja ta' l-Att taz-Zwieg bejn il-kontendenti konjugi Caruana, li jgib in-Numru ta' l-Iskrizzjoni 190/12.03.1997, u dana skond l-anness Dokument "JCP 1";

(4) Tichad ir-raba' talba *stante* li minhabba r-ragunijiet premessi l-ebda manteniment ma gie akkordat lill-attrici u l-istess attrici tilfet kull dritt ta' manteniment abbazi ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16.** Dwar manteniment ghall-minuri l-kura u kustodja giet fdata f'idejn il-konvenut u l-istess konvenut ghandu jipprovdi ghall-manteniment ta' l-istess minuri;

(5) Tichad il-hames talba *stante* li l-kura u l-kustodja qed tigi fdata f'idejn il-konvenut C  bi dritt ta' access ghall-attrici li ghandu jigi ezercitat bil-mod kif gej:
Illi waqt is-sena skolastika l-access ghandu jkun kull nhar ta' Tnejn, Tlieta u l-Hamis. Hija ghandha tigbor lit-tifel mill-

iskola f'dawn il-granet u l-minuri ghandu jigi ritornat ghand missieru fis-sitta ta' filghaxija (6.00.p.m.).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ahhar tal-gimgha l-access ghandu jkun kull nhar ta' Sibt mid-disgha ta' filghodu (9.00.a.m.) sal-erbgha (4.00.p.m.) ta' wara nofsinhar.

Illi fil-vaganzi tal-Milied, tal-Ghid u tas-Sajf l-access ghandu jkun kull nhar ta' Tnejn, Tlieta u l-Hamis mid-disgha ta' filghodu sal-erba' ta' filghaxija (4.00.p.m.); u kull nhar ta' Sibt mid-disgha ta' filghodu (9.00.a.m.) sal-hamsa ta' filghaxija (5.00.p.m.).

Illi dan l-access m'ghandux isir fil-presenza ta' Mark Micallef jew terza persuna tas-sess oppost li ma hijiex parti mill-familja tal-partijiet jew tal-minuri u dan kollu kif indikat iktar il-fuq. Tordna li l-Agenzija Appogg timmonitorja s-sitwazzjoni b'dan li tara li dawn l-ordnijiet jigu osservati fl-interess tal-minuri a spejjez taz-zewg partijiet.

(6) Tichad is-sitt talba *stante* li mhux applikabbli fil-konfront tal-konvenut anzi l-istess **artikolu 48 tal-Kap 16** ghandu jigi applikat kontra l-istess attrici;

(7) Tichad is-seba' talba attrici *stante* li mhux applikabbli;

(8) Tichad it-tmien talba attrici *stante* li mhux applikabbli;

(9) Tilqa' d-disa' talba billi tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti b'effett minn meta l-attrici bdiet ir-relazzjoni extra-maritali taghha ftit xhur biss wara z-zwieg taghha mal-konvenut.

Illi dwar il-likwidazzjoni u divizzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti *arbitro boni viri* u bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-attrici tipprovdi li l-istess ghandha tigi maqsuma u diviza bil-mod segwenti u cjoe:-

Illi din il-Qorti tordna li n-negozju 'Superfruit' ghandu jigi assenjat lill-konvenut. Ladarba l-isem tal-hanut ikun se jdur dan ghandu jdur f'isem il-konvenut b'dan pero' li l-

istess konvenut ghandu jibqa' responsabbli ghad-dejn li l-istess negozju ghandu kif fuq indikat mal-Bank fuq l-istess hanut u b'dan li l-istess attrici ghandha tigi liberata minn kull responsabilita' in konnessjoni ma' l-istess dejn mal-bank hlief li kull kreditu li l-ġenituri taghha ghandhom fuq l-istess, jithallas lilhom mill-attrici, kif fuq indikat; fl-istess waqt kif il-kera ta' l-istess hanut ghandha ddur fuq il-konvenut, l-istess konvenut huwa obbligat li jhallas lill-attrici l-ammont ta' sitt elef, seba' mija u sbatax il-Lira Maltija (Lm6,717) li hija harget minn flus ta' meta kienet ghadha xebba u ghalhekk huwa kreditu parafernali taghha.

Illi l-art fil-Bahrija qed tigi assenjata lill-attrici u sehem il-konvenut minn din l-art qed jigi ghalhekk trasferit u assenjat lill-attrici minghajr kwalunkwe piz jew dejn gravanti l-istess b'dan li l-istess art qed tigi assenjata lill-attrici libera u franka, izda b'dan ukoll li l-istess attrici tibqa' unikament responsabbli ghal kull dejn dovut lill-genituri taghha kif fuq premess fl-ammont ta' tmien t'elef lira Maltija (Lm8,000).

Illi l-*life policy* bin-Numru 30527N qed tigi assenjata lill-konvenut.

(10) Tichad l-ghaxar talba attrici u dan *stante* dak provdut konsegwenti ghall-hames talba attrici;

(11) Tilqa' l-hdax-il talba attrici billi fl-interess suprem tal-minuri l-**artikolu 57 tal-Kodici Civili** ghandu jigi applikat, izda ma tapplikax favur l-attrici l-**artikolu 60 tal-Kap.16**;

(12) Tichad din it-talba hlief li ghandhom jigu appikati kontra l-attrici d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16;**

(13) Tichad it-tlettax-il talba *stante* li l-minuri gie fdat f'idejn il-konvenut kif gja inghad;

(14) Tilqa' l-erbatax-il talba attrici biex b'hekk l-attrici tirreverti ghal kunjom xbubita Portelli skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 62 (1) tal-Kap 16;**

(15) Tilqa' l-hmistax-il talba attrici billi din is-sentenza ghandha tkun irregistrata fir-Registru Pubbliku ta' Malta a bazi ta' l-**artikolu 62A tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

(16) Tichad is-sittax-il talba attrici *stante* li mhux applikabbli;

(17) Tichad is-sbatax-il talba attrici *stante* li l-attrici hija l-htija ewlenija u esklusiva ta' dan it-tifrik taz-zwieg u ghalhekk l-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jigi sopportati minnha;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

Illi rigward il-**kontro-talba tal-konvenut,** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenuta fl-eccezzjonijiet taghha ghall-kontro-talba tal-konvenut u dan fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba htijiet imputabbli lill-attrici rikonvenuta minhabba adulterju *da parte* ta' l-istess attrici li kawza ta' l-istess iz-zwieg tkisser irremedjabilment;

(2) Tilqa' t-tieni talba billi tordna l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri, u cioe' B , ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn il-konvenut rikonvenzjonant, salv id-dritt ta' access li din il-Qorti akkordat lill-attrici aktar 'il fuq u dan fis-sens li l-attrici ghandu jkollha is-segwenti access ghall-minuri u cjoe':-

Illi waqt is-sena skolastika l-access ghandu jkun kull nhar ta' Tnejn, Tlieta u l-Hamis. Hija ghandha tigbor lit-tifel mill-iskola f'dawn il-granet u l-minuri ghandu jigi ritornat ghand missieru fis-sitta ta' filghaxija (6.00.p.m.).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ahhar tal-gimgha l-access ghandu jkun kull nhar ta’ Sibt mid-disgha ta’ filghodu (9.00.a.m.) sal-erbgha (4.00.p.m.) ta’ wara nofsinhar.

Illi fil-vaganzi tal-Milied, tal-Ghid u tas-Sajf l-access ghandu jkun kull nhar ta’ Tnejn, Tlieta u l-Hamis mid-disgha ta’ filghodu sal-erba’ ta’ filghaxija (4.00.p.m.); u kull nhar ta’ Sibt mid-disgha ta’ filghodu (9.00.a.m.) sal-hamsa ta’ filghaxija (5.00.p.m.).

Illi dan l-access m’ghandux isir fil-presenza ta’ Mark Micallef jew terza persuna ohra tas-sess oppost li mhiex xi familjari tal-partijiet jew tal-minuri u dan ukoll skond il-kundizzjonijiet indikati aktar il-fuq fl-istess sentenza. Tordna li l-Agenzija Appogg timmonitorja s-sitwazzjoni b’dan li tara li dawn l-ordnijiet jigu osservati fl-interess tal-minuri a spejjez taz-zewg partijiet.

(3) Tichad it-tielet talba *stante* li ma rrizultax li l-attrici ghandha xi introjtu u fi kwalunkwe kaz l-konvenut ghandu mezzi sabiex imantni lilu nnifsu;

(4) Tilqa’ r-raba’ talba billi tapplika d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap.16** fl-*intier* kontra l-attrici;
(5) Tilqa’ l-hames talba billi tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti bil-mod kif gie deciz aktar ‘il fuq b’effett minn meta l-attrici bdiet ir-relazzjoni extra-maritali taghha ftit xhur biss wara z-zwieg taghha mal-konvenut.

Illi dwar il-likwidazzjoni u divizzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti din il-Qorti *arbitro boni viri* u bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-attrici tipprovdi li l-istess ghandha tigi maqsuma u diviza bil-mod segwenti u cjoe:-

Illi din il-Qorti tordna li n-negozju ‘Superfruit’ ghandu jigi assenjat lill-konvenut. Ladarba l-isem tal-hanut ikun se jdur dan ghandu jdur f’isem il-konvenut b’dan pero’ li l-istess konvenut ghandu jibqa’ responsabbli ghad-dejn li l-istess negozju ghandu kif fuq indikat mal-Bank fuq l-istess hanut u b’dan li l-istess attrici ghandha tigi liberata minn kull responsabilita’ in konnessjoni ma’ l-istess dejn mal-

bank hlief li kull kreditu li l-genituri taghha ghandhom fuq l-istess, jithallas lilhom mill-attrici, kif fuq indikat; fl-istess waqt kif il-kera ta’ l-istess hanut ghandha ddur fuq il-konvenut, l-istess konvenut huwa obbligat li jhallas lill-attrici l-ammont ta’ sitt elef, seba’ mija u sbatax il-Lira Maltija (Lm6,717) li hija harget minn flus ta’ meta kienet ghadha xebba u ghalhekk huwa kreditu parafernali taghha.

Illi l-art fil-Bahrija qed tigi assenjata lill-attrici u sehem il-konvenut minn din l-art qed jigi ghalhekk trasferit u assenjat lill-attrici minghajr kwalunkwe piz jew dejn gravanti l-istess b’dan li l-istess art qed tigi assenjata lill-attrici libera u franka, izda b’dan ukoll li l-istess attrici tibqa’ unikament responsabbli ghal kull dejn dovut lill-genituri taghha kif fuq premess fl-ammont ta’ tmien t’elef lira Maltija (Lm8,000).

Illi l-*life policy* bin-Numru 30527N qed tigi assenjata lill-konvenut;

(6) Tilqa’ s-sitt talba billi tinnomina lin-Nutar Pubbliku Mario Bugeja sabiex jircievi l-att pubbliku relattiv li jipprovdi ghad-divizzjoni u assenjazzjoni ta’ l-oggetti immobbli li kienu formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti u in partikolari jipprovdi ghall-assenjazzjoni ta’ l-imsemmija porzjoni diviza ta’ art lill-attrici u kull provdiment iehor relattiv konsegwenti ghall-hames talba ta’ din il-kontro-talba u tinnomina lill Dr. Joseph Sammut bhala kuratur deputat sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att u tordna li l-pubblikazzjoni ta’ l-istess att issir fil-bini tal-Qrati Superjuri, f’wahda mill-Awli ta’ l-istess Qrati Superjuri l-Belt Valletta nhar il-Hamis l-24 ta’ Novembru 2005 fil-11.30.a.m.;

(7) Tilqa’ biss is-seba’ talba fil-kuntest ta’ dak indikat konsegwenti ghall-hames talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu;

(8) Tilqa’ t-tmien talba u tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant li jirregistra *ossia* jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba wkoll kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------